**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Frar 2025**

Rikors Numru: 595/2024 AL

AB

Vs

CB

(M.R. Numru 1567/1986)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-partijiet tal-partijiet li permezz tieghu esponew:

1. ILLI r-rikorrenti izzewwget lill-intimat nhar 5-7 ta' Settembru 1986 u minn dan iz zwieg ghandhom tlett titfal illum ilkoll maggorenni; **Dok A** certifikat taz-zwieg

2. ILLI l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Clarissa Cuschieri tat-18 ta' Marzu 2013, anness **Dok 'B'**;

3. ILLI l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin u ma hemm ebda arretrati ta' manteniment u spejjez tal-ulied stante li illum maggorenni u jahdmu;

4. ILLI llum ma hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-Ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal- partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta’ Jannar 2025;

Semghet lill-intimat iwiegeb, fuq domanda tal-qorti li m’ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Marzu 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illtilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.